SAN LAWRENZ

Il-minuti tal-ghoxrin laqgha li nzammet nhar it-Tnejn 23 ta' April 2013 fil-5:30 ta' filghaxija fl-ufficju tal-Kunsill.

Prezenti:

Sindku: Anthony Formosa

Kunsilliera: Michelina Mercieca
John Mercieca
Rose Vella

Segretarju Ezekuttiv: Lucienne Haber

Skuzat: Vici Sindku: Anthony Cassar

1.0 Il-laqgha nbdiet b'talba u giet preseduta mis-Sindku.

2.0 Inqraw il-minuti u gew approvati

**3.0 Korrispondenza**

3.1 Giet trattata l-korrispondenza minghand is-Sur Brian Sultana f'isem il-Parrocca ta' San Lawrenz rigward l-organizazzjoni ta' korsijiet edukattivi fi hdan is-Summer Fun Club. Il-Kunsill qabel li bhalma ghamel is-sena l-ohra, ghandu jghaddi s-somma ta' €300 sabiex il-korsijiet jigu organizzati b'kollaborazzjoni mal-Kunsill.

3.2 Gew trattati l-ittri ta' awgurji li ntbaghtu lil Prim Ministru, Ministru ghal Ghawdex u Segretarju Parlamentari ghal Kunsilli Lokali u r-risposti relattivi taghhom.

**4.0 Laqgha mal-Ministru ghal Ghawdex**

4.1 Saret referenza ghal-laqgha li l-Kunsill kien ser ikollu mal-Ministru ghal Ghawdex Anton Refalo nhar l-Erbgha 24 ta' April u li ser tigi posposta ghat-2 ta' Gunju 2013 peress li l-Ministru ser ikun indispost. Il-Kunsill qabel li ghandu jiddiskuti mieghu l-problemi kollha relatati mac-Centru tad-Dwejra, resurfacing lil Triq id-Duluri u wkoll kisja lil Triq il-Wileg.

**5.0 Irtirar tal-Applikazzjoni tal-Assistant tad-Dwejra Interpretation Centre**

**5.1** Saret referenza ghall-htiega mmedjata sabiex jigu rtirati l-applikazzjonijiet tal-Assistants fic-Centru tad-Dwjera. Il-kwistjoni tqajjmet waqt bilateral meeting dwar il-Progett mal-PPCD, Dipartiment tal-Kunsilli Lokali u MEPA li nzammet nhar is-27 ta' Marzu 2013, proprju lejliet l-interviews. Tqajjmet il-kwistjoni li qabel ma l-Kunsill ikollu l-agreement mal-MEPA iffirmat, ma ghandux titlu ghat-tmexxija tac-Centru u ghalhekk ma jistax jipprocedi bir-rekrut tieghu. Ingibdet l-attenzjoni wkoll li trid tigi ntrodotta bye-law sabiex il-Kunsill ikun jista jaghmel xi tip ta' ntrojtu minghajr profitt. Ingibdet l-attenzjoni wkoll li sabiex il-Kunsill jimpjega aktar nies jinhtieg li nipprocedu mal-ETC. F'dan id-dawl, kellhom jigu rtirati l-applikazzjonijiet kollha.

5.2 F'dan ir-rigward biex jithaffef il-process peress li sabiex ic-Centru jinzamm miftuh qed jintuzaw l-iskrivana u l-haddiema tal-ETC tal-Kunsill, u ovjament dawn qed jitnaqqsu mir-riszorsi tal-ufficju tal-Kunsill, sar qbil li huwa mportanti hafna li jithaffef il-process mal-MEPA u dwar l-introduzzjoni tal-Byelaw.

**6.0 Agreement mal-MEPA rigward l-immanigjar tac-Centru**

**6.1** Is-Segretarja rreferiet ghad-draft agreement mal-MEPA. Il-Kunsill qabel li huwa mportanti hafna li dan l-agreement ikun jinkludi fost l-ohrajn l-ispejjes relatati mal-fuel tal-generator ghal mill-inqas perijodu ta' hames snin.

**7.0 Introduzzjoni ta' Byelaw**

7.1 Inqrat id-draft tal-byelaw li permezz tal-introduzzjoni taghha l-Kunsill ikun jista jaghmel introjtu mid- dhul ta' kull persuna li zzur ic-Centru ghal-prezz ta' €2euro l-adulti u €1 it-tfal. Il-Kunsill qabel mad-draft proposta hekk kif preparata mill-avukat u sar qbil li jibda jmexxi l-process taghha skond kif jitolbu l-proceduri.

**8.0 Update dwar il-progett tal-pjazza**

**8.1** Is-Sindku rrefera ghall-progett tal-pjazza u li issa x-xogholijiet qed jhallu r-rizultat taghhom. Waqt l-andament tax-xoghol jinqalghu hafna problemi pero bosta drabi jigu rizolti permezz ta' laqghat fuq il-post frekwenti bejn l-entitajiet koncernati. Ix-xogholijiet fuq din il-parti mibdiija tal-pjazza mistennija jitlestew sal-bidu ta' Gunju u n-naha l-ohra tkun lesta sal-festa.

9.0 **Update dwar it-tender tal-Isqaqien**

9.1 Is-Sindku rrefera ghax-xogholijiet tal-isqaqien u li minkejja l-problemi li ltaqjna maghhom ix-xoghol jidher li miexu b'rittmu tajjeb. Il-kunsillier John Mercieca staqsa jekk l-ahhar sqaq fi Triq il-Wileg hux ser isir. Sar qbil li ghandna niccekjaw mal-pjanti tal-progett.

10.0 **Ix-xoghol tal-hitan tas-sejjieh fi Triq Wied Merill**

10.1 Is-Sindku rrefera ghall-ilmenti u l-problemi li kien hemm dwar ix-xogholijiet tar-restawr ta' hajt fi Triq Wied Merill. Is-Sindku rrefera ghal-laqgha li saret fuq il-post bejn il-Kunsill, Perita, kuntrattur u l-Avukat tal-Kunsill. Huwa semma li minn dakinhar l'hawn ix-xogholijiet trangaw. Sar qbil li fuq dan il-hajt isir xi konkos li jigi miksi bil-hamrija jew gebel irqiq.

11.0 **Htiega ta' truck jew van ghall-haddiema tal-id tal-Kunsill**

11.1 Is-Sindku rrefera ghal fatt li naqas il-haddiem tal-ETC Emanuel Azzopardi minn mal-Kunsill peress li mar jahdem ma Kunsill iehor. Huwa semma li s'issa kienu juzaw it-trakk ta' dan il-haddiem u issa l-haddiema gew bla trakk b'detriment li ma jkunux jistghu jmorru jsaqqu ghax ma ghandhom fejn jghabbu t-tank tal-ilma.

11.2 F'dan ir-rigward il-Kunsill propona li fil-prezent ghandna nigbru stimi minghand xi persuni li jkunu nteressati li jinkarigaw ruhhom mit-tisqija tal-pjanti tal-Belvedere u eventwalment dawk tal-pjazza. Il-Kunsill qabel li l-istima ghandu jigborha ghal kull tisqija. Aktar il-quddiem ikun jista jintuza wkoll l-ilma mill-gibjun tal-pjazza.

12.0 **Hatra tal-Evaluation Committee ghat-Tender tal-Paving tat-Triq tal-Pjazza**

**12.1** Is-Segretarja rreferiet ghall-offerta tal-pavimentar tat-triq tal-Pjazza taht il-Mizura 323 u ghal fatt li l-offerta ser taghlaq nhar il-Gimgha 26 t'April 2013. Hawnhekk hija talbet sabiex il-Kunsill jipproponi Bord tal-Evalwazzjoni sabiex jevalwa l-offerti kemm jista jkun malajr biex ix-xoghol jinbeda malajr peress li l-festa qed toqrob.

12.2 Il-Kunsill propona li l-Bord ikun kompost min-nutara Josette Spiteri Cauchi, l-Avukat Joshua Grech, u s-Sur Salvu Bonello.

**13.0 Tender open-skips**

13.1 Il-Kunsill qabel li ghandu johrog offerta gdida ghal-kiri ta' open-skip wiehed darba fil-gimgha.

**14.0 Materji ohra**

14.1 Saret referenza ghall-gibjun tal-playing field u ghal fatt li ghandna nikkuntatjaw lil Perit sabiex nidentifikaw ezatt fejn hi l-bokka tieghu biex inkunu nistghu nibdew nuzawh.

14.2 Il-kunsilliera Rose Vella talbet sabiex il-haddiema tat-Toroq itajjru ftit mill-blat f'kantuniera fl-inhawi maghrufa ta' Tentuxa.

14.3 Il-kunsillier John Mercieca talab sabiex jekk inhu possibli ssir manutenzjoni lit-tapit tal-playing field.

14.4 Il-kunsill qabel li peress li qed jinqala' l-grawnd tal-futbol, ghandu juza l-injam tal-fence bhala railings ghal Belvedere peress li l-hadid li hemm bhalissa saddad kollu. Il-Kunsill qabel ma din il-proposta u li ghandu jaghmel it-talba tieghu lil Club tal-Football.

14.5 Sar qbil li fl-okkazzjoni ta' Jum l-Omm ghandha tigi organizzata harga ohra ghall-anzjani u tinghata tifkira zghira tal-okkazzjoni.

14.6 Sar qbil li ghandha tintbghat email bhala *reminder* dwar il-periklu tal-hajt tat-Triq tad-Dwejra u htiega ta' *protection barriers*.

Il-laqgha ntemmet fis-7:30 ta' filghaxija.

| | |
|---|---|
| *Anthony Formosa* | *Lucienne Haber* |
| *Sindku* | *Segretarju Ezekuttiv* |